# ELF DARBA OMM

*Ta'* Ġużi Abela

Tfajla sabiħa, meta int kont ċkejkna,
kont naħseb min sa jkun il-maħbub tiegħek,
min kellu jħares lejn għajnejk daħkana,
min kellu jħobbok, jaqsam ħajtu miegħek.

Tfajla sabiħa, issa — li kbirt, sirt isbaħ —
issa sirt naf min huwa l-maħbub tiegħek.
Inti tbissimtlu u ħallejtu jgħammar
ħdejn qalbek kull mument u dejjem miegħek.

Tfajla sabiħa, Alla ħatrek b'bintu,
u ried li Int ukoll tixbah 'il Tiegħu,
u bagħatlek 'il min tħobb : Salib ġo sidrek,
u int ħabbejtu ferm u ssammart miegħu.

U frott ta' din l-imħabba erwieħ kotrana
jitwieldu ta' kull ħin għal ħajja ġdida.
Għadek żagħżugħa u ġà sirt omm elf darba.
Għalhekk dejjem fis-sodda, għalhekk marida.

Kbira tassew l-imħabba tiegħek, Tfajla,
Poeta ma jasalx biex jippremjaha.
Alla biss jista' : b'bewsa waħda jraqqdek.
U b'bewsa jqajmek tgħix fl-eternità.